

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ġumes motivi.

1. L-ewwel motiv: il-Kunsill injora l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li toħroġ mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. et (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema tal-Polonja) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), mis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari applikabbli għall-membri tal-ġudikatura) (C-791/19, EU:C:2021:596), mid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277) u mid-digriet tal-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), u kiser l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 13(2) TUE.

Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kunsill mar lil hinn mill-kompetenza tiegħu sa fejn ippretenda li jiddetermina kif il-Polonja għandha tikkonforma ruħha mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema tal-Polonja (iktar 'il quddiem l-“Awla Dixxiplinari”).

2. It-tieni motiv: il-Kunsill kiser l-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), kif interpretati b'mod awtorevoli mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti targumenta li l-objettivi intermedji, li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata, jmorru kontra l-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta sa fejn:

- jagħtu effetti legali lid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari, minflok ma jikkunsidrawhom nulli,
  - jimponu oneri proċedurali addizzjonali, inċertezza u dewmien fuq l-imħallfin ikkonċernati minn deċiżjonijiet illegali tal-Awla Dixxiplinari billi jirrikjedu li l-imħallfin inkwistjoni jibdew proċeduri ġoddha quddiem awla fformata ġdida fil-Qorti Suprema sabiex jirribattu l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom; u
  - lanqas biss jipprevedu li l-imħallfin inkwistjoni jiġu minn tal-inqas stabbiliti mill-ġdid fil-kariga tagħhom b'mod temporanju fl-istennija tal-eżiutu ta' kwalunkwe proċeduri ta' stħarriġ.
3. It-tielet motiv: l-objettivi intermedji F1G, F2G u F3G previsti fid-Deċiżjoni kkontestata ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-Polonja, li hija rekwiżit meħtieġ għall-funzjonament ta' sistema ta' stħarriġ interna. Ir-rikorrenti targumenta li d-Deċiżjoni kkontestata b'hekk tikser l-Artikolu 20(5)(e) u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU 2021, L 57, p. 17, rettiffika fil-ĠU 2021, L 410, p. 197), u l-Artikolu 325 TFUE, li jeħtieġ stħarriġ intern effettiv u effiċjenti.
  4. Ir-raba' motiv: il-Kunsill wettaq żball ta' li ġi u/jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241 meta approva l-objettivi intermedji bħala “arranġamenti adegwati” għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni fil-Polonja.
  5. Il-humes motiv: il-Kunsill naqas milli jagħti motivazzjoni suffiċjenti għad-Deċiżjoni kkontestata, bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 41 tal-Karta u tal-prinċipiji tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2022 – Rechters voor Rechters vs Il-Kunsill

(Kawża T-533/22)

(2022/C 418/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingлиз

## Partijiet

Rikorrenti: Stichting Rechters voor Rechters (Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: C. Zatschler, Senior Counsel, E. Egan McGrath, Barrister-at-law, A. Bateman u M. Delargy, Solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja; u
- tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tiegħu u jħallas dawk tar-riorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv: il-Kunsill injora l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li toħroġ mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. et (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema tal-Polonja) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), mis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari applikabbli għall-membri tal-ġudikatura) (C-791/19, EU:C:2021:596), mid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277) u mid-digriet tal-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), u kiser l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 13(2) TUE.

Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kunsill mar lil hinn mill-kompetenza tiegħu sa fejn ippreienda li jiddetermina kif il-Polonja għandha tikkonforma ruħha mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema tal-Polonja (iktar 'il quddiem l-“Awla Dixxiplinari”).

2. It-tieni motiv: il-Kunsill kiser l-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), kif interpretati b'mod awtorevoli mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti targumenta li l-objettivi intermedji, li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata, jmorru kontra l-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta sa fejn:

- jagħtu effetti legali lid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari, minflok ma jikkunsidrawhom nulli,
  - jimponu oneri proċedurali addizzjonali, inċertezza u dewmien fuq l-imħallfin ikkonċernati minn deċiżjonijiet illegali tal-Awla Dixxiplinari billi jirrikjedu li l-imħallfin inkwistjoni jibdew proċeduri ġoddha quddiem awla fformata ġdida fil-Qorti Suprema sabiex jirribattu l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom; u
  - lanqas biss jipprevedu li l-imħallfin inkwistjoni jiġu minn tal-inqas stabbiliti mill-ġdid fil-kariga tagħhom b'mod temporanju fl-istennija tal-eżitu ta' kwalunkwe proċeduri ta' sħarriġ.
3. It-tielet motiv: l-objettivi intermedji F1G, F2G u F3G previsti fid-Deċiżjoni kkontestata ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-Polonja, li hija rekwiżit meħtieġ għall-funzjonament ta' sistema ta' sħarriġ interna. Ir-rikorrenti targumenta li d-Deċiżjoni kkontestata b'hekk tikser l-Artikolu 20(5)(e) u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU 2021, L 57, p. 17, rettifikasi fil-ĠU 2021, L 410, p. 197), u l-Artikolu 325 TFUE, li jeħtieġ sħarriġ intern effettiv u effiċċenti.
  4. Ir-raba' motiv: il-Kunsill wettaq żball ta' liġi u/jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241 meta approva l-objettivi intermedji bħala “arranġamenti adegwati” għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni fil-Polonja.
  5. Il-ħames motiv: il-Kunsill naqas milli jagħti motivazzjoni suffiċjenti għad-Deċiżjoni kkontestata, bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 41 tal-Karta u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.